# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 375/2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Oglive Grima**

iben Anthony, imwieled Pieta', fis-26 ta' Marzu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 207891(M)

Illum 31 ta' Lulju 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oglive Grima quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fid-19 ta' Marzu 2013 f'xi hinijiet filghodu minn garaxx bin-numru 19 li jinsab fi Triq Sant Anna Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq ta' ingenji/ ilbies tal-bhejjem (fosthom tliet tustieri, erba sdieri u tliet gharniezi) u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur li ma jeccediex l- elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euros u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Andrew Fenech minn Hal-Tarxien u/jew ta' persuni ohra;

2. fl-istess cirkustanzi u/jew zminijiet wara f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe laqa' ghandu ingenji tal-

bhejjem u/jew oggetti ohra liema oggetti kienu misruqa minn garaxx bin-numru 19, li jinsab fi Triq Sant'Anna, Hal Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer;

3. kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D) fit-22 ta' Awwissu 2012;

4. naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrati Dr. S. Demicoli LL.D u Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D, b'digrieti datati 11 ta' Mejju 2012 u 02 ta' Awwissu 2012 u li permezz taghhom l-istess Oglive Grima nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka contrario imperio d'digrieti tal-helsien mill-arrest datati 11 ta' Mejju 2012 u 2 ta' Awwissu 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Oglive Grima kif ukoll, li tordna li s-somom ta' €30,000 u €3,500 bhala garanziji personali u d-depozitu ta' €1,000 li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest u jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' htija, titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lilu u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti filwaqt li, astjeniet milli hadet konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ma sabitx lill-imputat hati, fuq nuqqas ta' provi, tal-kwalifiki tal-lok u tax-xorta tal-haga misruqa ndikati f'imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u b'hekk illiberatu mill-kwalifiki msemmija tal-imputazzjoni msemmija u, wara li rat Artikoli 49, 50, 261(c), 267, 289, 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Oglive Grima hati tal-imputazzjoni immarkata bin-numru wiehed (1) [bil-kwalifika tal-valur **biss**], u tal-imputazzjonijiet immarkati bin-numri tlieta (3), erba' (4), hamsa (5) u sitta (6) u filwaqt li, fir-rigward tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) ghazlet li ma trattax mal-

imputat ghar-reati li taghhom kien inghata provediment a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tal-imputazzjonijiet immarkati bin-numri wiehed (1) [bil-kwalifika tal-valur **biss**], erba' (4) u sitta (6) ikkundannatu ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Fir-rigward tal-imputazjoni mmarkata bin-numru hamsa (5), il-Qorti rrevokat d-Digriet tal-11 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 22) u d-Digriet tat-2 ta' Awwissu 2012 (*a fol.* 23) moghti minn din il-Qorti kif diversament preseduta fejn l-imputat gie moghti l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

In vista tat-terminu ta' prigunerija li qed jigi impost fuq l-imputat ghar-reati li taghhom huwa nstab hati, il-garanzija personali fil-valur ta' € 3,500 (tlitt'elef u hames mitt Euro) u € 30,000 (tletin elef Euro) u d-depozitu ta' € 1,000 (elf Euro) moghtija mill-imputat ghall-fini tal-helsien mill-arrest tieghu koncess bid-Digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 11 ta' Mejju 2012 u 2 ta' Awwissu 2012, ma ghandhomx jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ghamlet rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja fir-rigward ta' sahhtu.

Rat ir-rikors tal-appellant Oglive Grima pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-2 ta' Ottubru 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonfermaha, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravju tal-appellant marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta jinghad:-

> Illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li l-appellant ilu zmien twil bil-problema tad-droga u dan l-ahhar qed jattendi l-Caritas bl-ghan li jidhol programm. L-appellant jissottometti li minflokk it-18-il xahar prigunerija l-Ewwel Qorti kienet libera sabiex taghti sentenza alternattiva. Fl-ahhar seduta qabel is-sentenza, id-difiza ma ghamletx sottomissjonijiet fuq il-piena u b'hekk ma kellux opportunita li jispjega l-progress li kien ghamel.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

***Ikkunsidrat,***

Illi l-appellant ma jikkontestax is-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghar-reat tas-serq, bl-aggravanti tal-valur biss. Dan sehh meta nhar id-19 ta' Marzu 2013, l-appellant *ex admissis* jistqarr illi huwa daħal fil-garaxx li sab miftuh, proprjeta ta' certu Andrew Fenech, u minn hemm seraq xi lbies taż-żwiemel konsistenti fi tlett tastieri, erba' sallieri u tlett qarniezi.  Dawn l-oġġetti kienu jiswew bejn €700 u €800, izda l-appellant bieghhom lil raġel minn Ħaż-Żabbar ghal prezz ta' €100.

Illi dan l-appell allura huwa limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmintax-il xahar prigunerija u dan ghaliex l-appellant jilmenta illi ghandu jibbenefika minn sanzjoni fil-komunita jew piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva.  Jishaq illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-problema akuta tad-droga illi kellu fiż-żmien meta kkometta r-reat lilu addebitat. Jgħid ukoll illi illum il-ġurnata hu qed jattendi ghal program ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga mal-Caritas u dan sabiex jindirizza din il-problema.

Illi jrid jingħad illi l-proceduri kemm quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti twalu inutilment b'tortijiet imputabbli lill-appellant, li meta l-każ kien riesaq lejn t-tmiem tiegħu quddiem l-ewwel Qorti fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 gie lilu koncess li jressaq s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, ħaġa li madankollu huwa naqas milli jagħmel.[1] Mhux biss izda ghalkemm fl-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-appellant nhar l-21 ta' Marzu 2013, meta mistoqsi jekk għandux problema ta' droga jew djun, hu wieġeb illi għandu problema kbira, iżda mitlub jispeċifika għal liema problema kien qed jirreferi, huwa naqas milli jagħmel dan u ma riedx iżid ma dak li kien stqarr.[2] Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti kellha idejha marbuta meta giet biex teroga l-piena u dan mhux biss ghaliex l-appellant kien akkuzat li kien recediv, izda sahansitra kien kiser ukoll sanzjoni komunitarja imposta fuqu, oltre li gie misjub hati ukoll li ma obdiex l-kundizzjonijiet imposti fuqu b'diversi digrieti tal-Qorti tal-Magistrati fejn gie lilu koncess il-helsien mill-arrest. Inoltre lanqas biss indirizza l-problema tad-droga li ddikjara li ghandu issa fi stadju ta' revizjoni, quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-fedina penali tal-appellant tul is-snin u n-natura ta' reati kommessi minnu tul lil-karriera kriminali tiegħu ma jaghmlux wisq ghajb ghal rijabilitazzjoni tal-appellant. Illi fil-fatt mid-deposizzjonijiet tax-xhieda li gew mismugha quddiem din il-Qorti u cioe' l-uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler kif ukoll Reuben Andre Degabriele, rapprezentant Caritas u Helenio Galea mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jidher illi ghalkemm għal dak li jirrigwarda l-abbuż tad-droga, l-appellant għamel passi 'l quddiem, madanakollu jidher prinċipalment illi hu għandu problema ta' mgieba fejn ma jirnexxielux irazzan ir-rabbja tiegħu biex b'hekk jidher li ma juri ebda rispett jew stima lejn l-awtoritajiet u lejn dawk il-professjonisti illi qedgħin jaħdmu miegħu sabiex jippruvaw ighinuh. Dan johrog b'mod car mix-xiehda ta' Helenio Galea, rapprezentant

[1] Folio 93 tal-atti proċesswali.

[2] Stqarrija tal-appellant datat il-21 ta' Marzu 2013 a folio 521 et seq u mmarkat bħala Dok SZ1.

tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin[3] li jistqarr li kien ittiehdu diversi proċeduri dixxiplinari kontra l-appellant minhabba l-imgieba negattiva tieghu gewwa l-Facilita'.

Illi mfassal dak li johrog mill-atti processwali ma hemm l-ebda konsiderazzjoni li tista' twassal lil din il-Qorti titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti. Konsegwentement, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tinsab fil-parametri legali, din il-Qorti hija tal-fehma li din m'għandhiex tiġi mittiefsa biex b'hekk l-aggravju mressaq mill-appellant ma jisthoqqlux akkoljiment.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Oglive Grima u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

---

[3] Fil-5 ta' Frar 2020